STRUZZJONIJIET GĦAL JUM IL-KONKORS

Il-**konkors online tal-Juvenes Translatores (JT)** se jsir nhar il-Ħamis **26 ta' Novembru 2026, bejn l-10:00 u nofsinhar** (ħin ta' Malta).

Jekk l-iskola tiegħek ma tistax tipparteċipa fil-konkors, nitolbuk tinforma lit-tim tal-JT bl-email mill-aktar fis fuq DGT-TRANSLATORES@ec.europa.eu.

Barra minn hekk, jekk eventwalment xi parteċipanti reġistrati ma jkunux jistgħu jieħdu sehem fil-konkors, l-għalliema jistgħu jneħħu isimhom u jirreġistraw parteċipanti ġodda minflokhom. Jistgħu wkoll jeditjaw l-informazzjoni u jibdlu l-pari tal-lingwi fuq il-pjattaforma tal-konkors https://jt.ec.europa.eu/en **sal-24 ta' Novembru 2026, 23:59 (ħin ta' Malta)**. Wara din id-data ma jkunux jistgħu jsiru aktar bidliet.

Ir-**Regoli tal-Konkors** jinsabu fuq il-website uffiċjali tal-JT. Nitolbuk taqrahom bir-reqqa.

Struzzjonijiet oħra utli għal **Jum il-Konkors**:

1. Il-konkors se jsir simultanjament nhar **il-Ħamis 26 ta' Novembru 2026** f'dawn **il-ħinijiet lokali**:
    a. 08:00 - 10:00 fl-Azores;
    b. 09:00 - 11:00 fil-Portugall (ħlief l-Azores), il-Gżejjer Kanarji u l-Irlanda;
    c. 10:00 - 12:00 fil-Belġju, in-Netherlands, il-Lussemburgu, Franza (ħlief Réunion u Guadeloupe), il-Ġermanja, Spanja (ħlief il-Gżejjer Kanarji), l-Italja, l-Awstrija, id-Danimarka, l-Iżvezja, iċ-Ċekja, is-Slovakkja, l-Ungerija, is-Slovenja, il-Kroazja, Malta u l-Polonja;
    d. 11:00 - 13:00 f'Ċipru, il-Greċja, il-Bulgarija, ir-Rumanija, il-Litwanja, il-Latvja, l-Estonja u l-Finlandja;
    e. 13:00 - 15:00 f'Réunion;
    f. għad-Dipartimenti u t-Territorji Franċiżi 'l barra minn Franza u għan-Netherlands tal-Karibew: *japplikaw regoli speċjali*.

2. Il-konkors se jiġi organizzat hekk:

L-iskejjel jagħmlu l-arranġamenti għalihom fejn jidħlu l-kamra, l-apparati tal-IT, l-inviġilaturi u l-bqija (ara r-Regoli tal-Konkors).

It-traduzzjonijiet iridu jitlestew fil-ħin uffiċjali allokat għall-konkors. Jekk, għal raġunijiet

tekniċi, xi parteċipanti jilloggjaw fil-pjattaforma sa 15-il minuta tard, dawn jingħataw il-ħin korrispondenti fl-aħħar biex xorta jkollhom sagħtejn sħaħ għat-traduzzjoni. **Kull parteċipant ikollu sagħtejn għat-traduzzjoni.** Meta jiġri hekk, il-parteċipanti mhux se jkunu jistgħu jissottomettu t-traduzzjonijiet tagħhom fuq il-pjattaforma tal-konkors wara li jgħaddu dawk il-15-il minuta żejda fuq il-ħin uffiċjali. Meta meħtieġ, it-traduzzjonijiet iridu jiġu ssejvjati bħala dokument Word u jintbagħtu minnufih bl-email fuq DGT-TRANSLATORES@ec.europa.eu.
Dakinhar tal-konkors, il-**parteċipanti jeħtieġ jilloggjaw fil-pjattaforma tal-konkors** https://jt.ec.europa.eu bil-username u l-password individwali assenjati lilhom waqt ir-reġistrazzjoni. Il-username u l-password ta' kull parteċipant jintbagħtu bl-email lill-għalliema waqt ir-reġistrazzjoni tal-parteċipanti. Din l-informazzjoni tinsab ukoll fuq il-pjattaforma tal-konkors, fil-paġna li tagħti ħarsa ġenerali lejn il-parteċipanti tal-iskola.

⚠ **Aħna nirrakkomandaw ferm li l-parteċipanti jittestjaw minn qabel l-aċċess tagħhom għall-pjattaforma tal-konkors f'xi ħin bejn l-10:00 tal-20 ta' Novembru u l-22:00 tal-25 ta' Novembru 2026 (ħin ta' Malta)** billi jilloggjaw fil-website bil-username u l-password assenjati lilhom. Tajjeb tkunu tafu li qabel jibda uffiċjalment il-konkors, il-parteċipanti la se jkunu jistgħu jaraw it-test oriġinali tal-konkors u lanqas mhu se jkunu jistgħu jissejvjaw xi test. L-għan tal-prova, iżda, hu biss biex il-parteċipanti jikkonfermaw minn qabel li m'għandkomx problemi biex jilloggjaw fil-pjattaforma tal-konkors.

⚠ **Jekk xi parteċipanti jidħlu fil-profil tagħhom qabel jibda l-konkors (qabel l-10:00 fil-każ ta' Malta), dawn xorta jridu jiffriskaw il-paġna malli jdoqqu l-10:00.** It-test oriġinali bil-lingwa sors magħżula tagħhom se jidher fuq in-naħa tax-xellug tal-iskrin. U t-traduzzjoni trid tinkiteb fuq il-lemin tal-iskrin. Meta l-parteċipanti jiffriskaw il-paġna fil-bidu tal-konkors, jibdew jidhru wkoll żewġ buttuni taħt it-test oriġinali u l-ispazju tat-traduzzjoni biex ikunu jistgħu jissejvjaw it-traduzzjoni tagħhom u biex eventwalment jissottomettuha.

⚠ **L-għażla tal-pari tal-lingwi ta' kull parteċipant** trid issir waqt ir-reġistrazzjoni tal-parteċipanti fuq il-pjattaforma tal-konkors. Dik l-għażla ma tkunx tista' tinbidel wara 23:59 tal-24 ta' Novembru 2026. Għalhekk, **qabel l-iskadenza importanti tiċċekkjaw li dik l-informazzjoni tkun korretta** fuq il-pjattaforma tal-konkors.

Il-parteċipanti se jittraduċu **online** (mhux fuq karta) u jissottomettu t-traduzzjoni tagħhom fuq il-pjattaforma tal-konkors.

Matul il-konkors, il-parteċipanti jeħtieġ:

- **jissejvjaw it-test tagħhom regolarment** billi jikklikkjaw fuq "Issejvja t-traduzzjoni tiegħek"/"Save your translation";
- imbagħad jikklikkjaw fuq "Issottometti t-traduzzjoni FINALI" / "Submit FINAL translation" biex jissottomettu t-test tradott tagħhom.

Wara s-sottomissjoni, il-parteċipanti se jkunu jistgħu jiftħu PDF biex jipprintjaw it-traduzzjoni tagħhom. Din l-għażla tfeġġ biss wara li jkunu għafsu ż-żewġ buttuni u sottomettew it-traduzzjoni finali tagħhom.

Jekk tinqala' xi diffikultà li ma tkunx fil-kontroll tal-iskola u t-traduzzjonijiet ma jkunux jistgħu jintbagħtu bil-mod kif spjegat hawn fuq, nitolbukom tikkuntattjaw lit-tim tal-JT minnufih bl-email.

3. Wara l-konkors, l-għalliema jkunu jistgħu jilloggjaw fil-profil tal-iskola fuq il-pjattaforma tal-konkors https://jt.ec.europa.eu u jżuru l-**paġna ġenerali (overview) tal-parteċipanti tal-iskola** biex **jinnavigaw azzjonijiet oħrajn**, fosthom:
    - jaraw u jniżżlu t-traduzzjonijiet tal-parteċipanti;

- iniżżlu ċ-ċertifikati tal-parteċipazzjoni, meta jkunu disponibbli (ara l-punt 10 hawn taħt);
- iniżżlu ċ-ċertifikati ta' apprezzament speċjali, jekk xi parteċipanti jirċievu ċertifikat bħal dan (ara l-punt 11 hawn taħt).

4. Nhar is-26 ta' Novembru 2026, **l-iskejjel parteċipanti kollha jeħtieġ jiżguraw li**:
   - l-istudenti parteċipanti jkunu l-istess studenti li ġew irreġistrati;
   - jipprovdu monitoraġġ tal-konkors;
   - l-istudenti kollha jkunu twieldu fl-2009;
   - jipprovdu faċilitajiet xierqa, apparati tal-IT u inviġilaturi biex jissorveljaw lill-istudenti waqt il-konkors;
   - il-parteċipanti u l-ġenituri jew il-gwardjani tagħhom ikunu jafu sew dawn ir-regoli u l-istruzzjonijiet, u jaqblu magħhom;
   - il-konkors isir f'kundizzjonijiet ġusti u imparzjali.

5. L-istudenti **jistgħu jużaw dizzjunarji stampati u/jew online (monolingwi jew bilingwi)**.

   Jistgħu jużaw ukoll:
   - dizzjunarji *stampati* u/jew *online*

   Id-dizzjunarji huma għodod professjonali indispensabbli għat-tradutturi, u allura l-użu ta' dizzjunarji stampati u online **hu permess**. Jistgħu jintużaw dizzjunarji monolingwi jew bilingwi. Anki d-dizzjunarji aktar speċjalizzati, bħal dawk tal-idjomi, jistgħu jintużaw.

   Ma jistgħux jintużaw:
   - ċekkjaturi tal-ortografija
   - għodod tat-traduzzjoni bl-għajnuna tal-kompjuter (CAT)
   - traduzzjoni awtomatika (eż. Google Translate, DeepL)
   - l-intelliġenza artifiċjali (l-AI)

It-traduzzjonijiet li jsiru b'għodod bħal dawn jiġu skwalifikati.

Jekk ikun hemm bżonn arranġamenti partikolari għal xi studenti b'diżabbiltà, segwi l-kapitlu 4 tar-Regoli tal-Konkors u ibgħat email lit-tim tal-JT għal approvazzjoni bil-quddiem.

15-il minuta qabel jibda l-konkors, it-**testi oriġinali** għat-traduzzjoni se jiġu ppubblikati fuq il-website uffiċjali tal-Juvenes Translatores: https://translation.ec.europa.eu/get-involved-european-language-activities-and-initiatives/juvenes-translatores/juvenes-translatores-2026-2027-contest_en#Useful-documents. Kif spjegat fil-punt 2, l-istudenti se jkunu jistgħu jaraw awtomatikament it-test oriġinali bil-lingwa sors li jkunu għażlu waqt ir-reġistrazzjoni malli jilloggjaw fil-pjattaforma tal-konkors. L-għalliema jistgħu wkoll jipprintjaw it-testi orġinali għall-parteċipanti. Għalhekk, dawn se jkunu qegħdin fuq il-website uffiċjali tal-JT ftit minuti qabel jibda l-konkors. Nitolbu lill-għalliema jiżguraw li l-parteċipanti ma jirċevux it-testi oriġinali qabel il-ħin uffiċjali tal-bidu tal-konkors.

Jekk l-għalliema ma jkunux jistgħu jsibu t-testi orġinali fuq il-website, aktarx ikollhom bżonn jiffriskaw il-paġna billi jagħfsu **CTRL** u **F5** f'daqqa. Jekk it-traduzzjonijiet sottomessi f'jum il-konkors ma jkunux jaqblu mal-pari tal-lingwi indikati waqt ir-reġistrazzjoni tal-istudenti, dawn jiġu skwalifikati.

6. **Jekk waqt il-ħin tal-konkors tinqala' xi diffikultà teknika ġenerali**, jew ikun hemm problemi konsistenti bil-login, jew xi problemi kbar oħra ta' mblokkar, importanti li:
   - **Tibqgħu kalmi** għax se nsibu soluzzjoni żgur;

- Iżżuru l-**paġna tagħna fuq Facebook** https://www.facebook.com/translatingforeurope għal aġġornamenti;
- **Tibdew it-traduzzjonijiet bil-mod l-ieħor (il-backup) billi**:
    - **tniżżlu t-testi oriġinali** mill-website uffiċjali tal-JT https://translation.ec.europa.eu/get-involved-european-language-activities-and-initiatives/juvenes-translatores/juvenes-translatores-2026-2027-contest_en#Useful-documents fil-bidu tal-ħin tal-kuntest (araw l-punt 5 hawn fuq) u
    - **tittraduċu bil-Microsoft Word jew b'xi programm simili** (elettronikament, mhux fuq karta).

B'dan il-mod il-parteċipanti jkunu jistgħu:

a) jagħmlu copy/paste tat-traduzzjoni tagħhom fuq il-pjattaforma tal-konkors meta tissolva l-problema teknika u jissottomettu t-traduzzjoni fuq il-pjattaforma tal-konkors kif kien ippjanat; jew

b) jekk il-problema teknika ma tissolviex qabel it-tmiem uffiċjali tal-konkors, l-għalliema jkunu jistgħu jibagħtu email bil-verżjonijiet elettroniċi tat-traduzzjonijiet tal-parteċipanti ħalli t-tim tal-JT itellgħuhom fil-profil tal-parteċipanti rispettivi u t-tradutturi tagħna jkunu jistgħu jassessjawhom.

7. Nhar is-26 ta' Novembru 2026, it-tim tal-JT se jwieġeb il-mistoqsijiet u jagħti pariri bl-email fuq DGT-TRANSLATORES@ec.europa.eu bil-lingwa rispettiva tagħkom.

8. L-organizzaturi fid-DĠT japprezza r-rispons tagħkom dwar il-konkors. Napprezzaw ferm jekk ittellgħu l-impressjonijiet, ir-ritratti jew il-filmati tagħkom fuq il-paġna tagħna ta' Facebook (https://www.facebook.com/translatingforeurope) jew Instagram (@TranslatingforEurope) billi tużaw il-hashtag **#translating for Europe** mal-posts tagħkom fuq il-midja soċjali.

9. Infakkru lill-għalliema u lill-istudenti li dan il-konkors tat-traduzzjoni għandu jitqies bħala eżerċizzju individwali, bħal kull eżami ieħor fl-iskola. **Il-parteċipanti jridu jaħdmu għal rashom mhux f'pari jew f'timijiet, u mingħajr għajnuna tal-għalliema tagħhom**. Jekk l-eżaminaturi jissuspettaw xi qerq, l-iskola tirriskja li tiġi eskluża.

10. Għall-parteċipanti li jissottomettu traduzzjoni se jkun jista' jitniżżel ċertifikat ta' parteċipazzjoni. Jista' jitniżżel ċertifikat ukoll għall-għalliema li jorganizzaw il-konkors fl-iskola rispettiva. **Iċ-ċertifikati jridu jitniżżlu sal-1 ta' Ġunju 2027**. Eventwalment, l-iskejjel kollha li jkunu ħadu sehem fil-konkors se jirċievu email b'aktar struzzjonijiet.

11. Xi parteċipanti jaf jiksbu wkoll **apprezzament speċjali** jekk it-traduzzjonijiet tagħhom ikollhom kwalità eċċellenti. L-għalliema kkonċernati se jiġu infurmati bl-email malli jitħabbru r-rebbieħa. L-ismijiet tal-istudenti li jiksbu apprezzament speċjali se jiġu ppubblikati fuq il-website uffiċjali tal-JT. L-istudenti se jirċievu premju ċkejken u se jiġu mistiedna jipparteċipaw f'tutorials online dwar it-traduzzjoni u l-tagħlim tal-lingwi.

12. Id-DĠT se jippubblika l-ismijiet tar-rebbieħa u t-traduzzjonijiet tagħhom fuq **il-website uffiċjali tal-JT nhar il-11 ta' Frar 2027**, u r-rebbieħa se jiġu mistiedna għal **ċerimonja tal-għoti tal-premjijiet, bħala parti minn żjara ta' tlett ijiem fi Brussell bejn it-8 u l-10 ta' April 2027**. Il-Kummissjoni se tagħmel l-arranġamenti meħtieġa u tħallas għall-vjaġġ u l-akkomodazzjoni ta' rebbieħ jew rebbieħa waħda, sa żewġ ġenituri/gwardjani, u għalliem jew għalliema waħda minn kull pajjiż tal-UE.

Jekk għandkom xi mistoqsijiet, żuru:

- il-website uffiċjali: https://translation.ec.europa.eu/get-involved-european-language-activities-and-initiatives/juvenes-translatores_en
- il-paġna ta' Facebook: https://www.facebook.com/translatingforeurope
- il-profil tagħna fuq Instagram: translatingforeurope
- ibagħtu l-mistoqsijiet lit-tim tal-Juvenes Translatores fuq DGT-TRANSLATORES@ec.europa.eu jew
- staqsu lill-persuna tal-kuntatt tal-JT fl-uffiċċju lokali tad-DĠT f'Malta, li jinsab fuq https://translation.ec.europa.eu/contact-us_en.

Ir-risq!
It-tim tal-Juvenes Translatores